# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1302

KAZ NRU. 1419

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Omar Granata

u

Sliema Fort Company ma'
T.G. I Friday's

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum : 13 ta' Gunju, 2002

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 21 ta' Far, 2000 b'riferenza MSP/TI/13/2000 biex jigi deciz skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, il-kumpanija ntimata sostniet li l-appellant kien gie promoss minn Assistant Kitchen Manager ghal Kitchen Manager responsabbli specifikament mill-kcina u li kien inghata zieda tajba fis-salarju tieghu.

Meta l-appellant kien qieghed isib postu fil-kariga gdida kien qieghed isir monitoring regolari u l-problemi kienu jigu diskussi mieghu. Gie ammess li kien sar progress fuq heffa ta' produzzjoni ta' l-ikel imma l-problemi fl-infieq, fil-produzzjoni u fid-dixxiplina kienu ghadhom ferm il-boghod milli solvuti.

L-appellant ma tax rizultati posittivi u kellu zewg perjodi relattivament twal ta' leave minhabba stress; apparti minn dawn in-nuqqasijiet u stress, kienet irrizultat problema ta' abbuz ta' droga minn xi mpjegati tar-Restaurant u apparti li dawn kienu jaqghu tahtu, kien irrizulta wkoll li ismu kien ukoll konness mal-uzu tad-droga, meta aktar minn wiehed ammetta li kien ghamel uzu tad-droga fil-prezenza ta' l-appellant u sahansitra li kien biegh soft drug lil wiehed mill-impjegati.

Peress li l-problemi ewlenin li kienu jaqghu fir-responsabbilta' tieghu baqghu ma gewx solvuti u mizjuda l-implikazzjoni tal-involviment tad-droga, il-kumpanija ttermiantlu l-impjieg immedjatament.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, l-appellant qal li kien beda jahdem bhala kok fil-5 ta' Jannar, 1999, li fl-1 ta' Frar 1999 gie promoss Assistant Kitchen Manager u wara tlett xhur ohra gie promoss Kitchen Manager. Qal li wkoll kien ippremjat bil-"Gold Star" li kienet "ghotja kisba" li, impjegat jew Manager seta' jircievi.

Fl-ewwel stadju kien gie kkunsidrat il-kaz jekk l-appellant kienx ghadu fuq probation meta l-impjieg tieghu gie terminat u kien gie deciz li t-tezi tal-probation ma kinitx accettabbli.

Is-sur Zahra, Direttur, xehed fuq in-nuqqasijiet tal-kcina u semma incidenti fejn anke saru diskussjonijiet mal-appellant imma dwar il-problema tad-droga qal: "ir-raguni tal-incident tad-droga ma kinitx ir-raguni ghaliex itterminajna l-impjieg, imma kienet the last straw ghaliex kien hemm ragunijet li diga semmejt"; qal ukoll: "li l-main reasons tat-tkeccija kienu n-nuqqasijiet ta' capability pero' ma nistax nghid li din ma hadnihiex in konsiderazzjoni"; qal ukoll li l-appellant tkecca ftit gimghat wara li kienu tkeccew dawk involuti fid-droga, imma l-kumpanija ma attribwietx il-problema tad-droga lill-appellant.

Is-sur Diacono, General Manager, xehed li kien l-ufficjal responsabbli fuq l-appellant u li kemm-il darba kellmuh u qalulu u fethulu ghajnejh li ma kienux kuntenti. Qal li darba fuq ix-xoghol, l-appellant kien ha ghalih fuq xi haga u telaq 'il barra u d-Direttur kien tah verbal warning iebes; wara xi zmien kien gara l-istess u d-Direttur tah verbal warning iehor pero' hu (Diacono) kien issottometta li kien wasal iz-zmien li jaghtuh in-notice. Rega' ghadda z-zmien u l-appellant kien under stress u tawh hmistax-il guranata leave u wissewh li dak kien l-ahhar cans u li jekk jibqa' sejjer hekk, triq wahda tibqa'. Semma wkoll nuqqasijiet ta' dixxiplina dwar uniformi ta' l-impjiegati tal-kcina.

Qal ukoll li fil-perijodu tal-problema tad-droga, hu u Ian Darmanin ghajtu staff meeting, tawhom  a very severe talk fuq il-problema tad-droga u li membru tal-istaff kien qallu li l-appellant kien involut imma (mistoqsi ghall-isem), li ma setax jiftakar min kien.

It-Tribunal ordna li din ix-xhieda tigi traskritta fil-kopja tieghu biss ghax mhux kredibbli li dikjarazjzoni li saret waqt inkjesta specifika llum ma tistax tinghata paternita' u lanqas ma hu xieraq  li thammeg isem ta' ndividwu go file li normalment hu accessibbli meta ma ggibx il-provi. It-Tribunal halla l-bieb miftuh biex jekk tigi stabbilita' l-identita' ta' dik il-persuna dik tittella' bhala xhud.

Dan ma sarx u t-Tribunal mhux sejjer jikkunsidra li din il-problema tefghet xi dell fuq l-appellant, fuq il-kapacita' tieghu bhala Kitchen Manager, imma mhux sejjer jinsiha fil-kwadru tal-kumpanija fi zmien li hadet id-decizjoni tat-tkeccija.

Dwar il-kapacita' tal-appellant bhala Kitchen Manager gie pprezentat prospett ghax-xhur ta' Awissu sa Dicembru, 1999, meta ma sar ebda line check mill-150 li kellhom isiru f'dak il-perijodu; gie pprezentat ukoll Line check Checklist ta 14-il pagna

li kien juri b'mod dettaljat ix-shelf life tal-affarijiet ta' l-ikel, fejn kellhom jinzammu. Is-sur Diacono ma jidher li ha ebda pass fuq ta' l-ewwel, waqt li mir-rapport tal-Health Inspector fuq surprise inspection jidher li lanqas it-tieni ma kien osservat u l-kumpanija ma haditx il-passi li kienu mehtiega.

Jinghad hawn li fl-ittra tal-hatra ta' l-appellant bhala Kitcehn manager kien gie nfurmat li l-impriza kienet ghada hafna l-boghod mill-livell mixtieq, li thaffef is-servizz ta' l-ikel, li tirranga affarijiet ta' kwalita' tal-ikel waqt li fl-istess hin iggib il-problema ta' food cost taht kontroll u tnizzilha ghal livell accettabbli. Dan juri li l-problemi kienu maghrufa mill-appellant.

Min naha l-ohra l-appellant kien gie appuntat bhala Assistant Kitchen Manager u kellu Contract of Service li kien jistipula probation. Meta ha l-posizzjoni ta' Kitchen Manager ma nghatax Contract of Service gdid ghalkemm il-kumpanija kellha wiehed ghal Managers u fil-fatt Managers ohra kienu ffirmaw dawn il-kuntratti - haga li turi nuqqas mill-kumpanija.

Jidher ukoll li t-tmexxija tal-kumpanija kienet mudellata fuq sistema Amerikana izda ghalkemm il-pagi kienu tajbin, x'aktarx li l-impjegati ma kienux preparati jaghtu d-dedikazzjoni rikjesta minn paga generuza. Kien hemm purcissjoni shiha ta' hatriet u rizenji ta' general managers, assistant managers u managers.

Nuqqasijiet min naha tal-appellant dehru mil-mod kif xehed. Kontinwament sostna li bhala Kitchen Manager, ir-responsabbilta' tieghu kienet li jissorvelja izda l-indafa u l-igjene kellhom jinzammu min nies ta' tahtu; xehed fit-tul fuq il-fatt li l-kumpanija ma kinitx sodisfatta bil-prezz li kien qieghed johrog fuq l-ikel. Qal li certi affarijiet kienu jinxtraw minn "sources" maghzula mill-kumpanija, ohrajn minn kuntratturi Maltin; minkejja kollox xorta l-prezz baqa' gholi u allura kienu konvinti li kien hemm serq mill-impjegati. Minkejja dan is-suspett ebda parti ma jidher li hadet xi passi preventivi hlief li l-appellant "kellu

jzomm ghajnejh miftuha". Waqt ix-xhieda tieghu t-Tribuanl kellu jwissih diversi drabi li bhala xhud kellu jirrispondi d-domandi u mhux jittratta, ghaliex ghal dak kellu avukat jghinu.

It-Tribunal dejjem sostna li terminazzjoni ta' l-impjieg kellha tkun l-ahhar pass wara twissijiet bil-miktub biex l-impjegat jikkoregi ruhu u ghalhekk minkejja n-nuqqasijiet serji tal-appellant, it-terminazzjoni hesrem mhux qeghda tigi kkunsidrata gusta anke jekk wiehed jeskludi li verament il-probelma tad-droga ma kinitx influwenzat id-decizjoni.

Fil-bidu ta' din id-decizjoni ssemma l-fatt li parti mix-xhieda prodotta mill-kumpanija ntimata ma kinitx kredibbli. L-istess haga qieghed jinghad ghall-appellant.

Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2002, id-difensur tieghu ddikjara li l-appellant kien sab job - li allura jimplika li mid-data tat-terminazzjoni li kienet 6 ta' Jannar, 2000 sa dik id-data - kwazi sentejn - kien baqa' bla ebda dhul.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2002, l-appellant rega' kkonferma li mindu spicca jahdem mal-kumpanija sa dakinhar li kien qed jixhed, ma kellux dhul u li lanqas ma kien irregistra ghax-xoghol ma' l-E.T.C.

Immedjatament wara, fuq mistoqsija tad-difensur tal-kumpanija dwar Luxol Sports Club, qal, li hu kien investa Lm3,000 bhal tlett minn nies ohra u li minn Mejju 2000 sa April, 2001 kien jiehu kummissjoni, li ma kinitx, kif kien qed jigi suggerit ta' Lm300 fix-xahar, ghax qatt ma kienet Lm300 tonda. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ghaliex ma kienx irregistra mal-E.T.C., l-appellant ma ta ebda risposta plawsibbli.

Mehuda in konsiderazzjoni l-fatti kollha, kif ukoll li prattikament l-appellant kellu mpjieg iehor sa minn Mejju 2000 u li bin-nuqqas tieghu li jirregistra mal-E.T.C. kien irriduca

sostanzjalment il-possibilita' ta' mpjieg iehor, qed jigi ffissat kumpens ridott ta' Lm3,600 (tlett t'elef u sitt mija liri maltin).

Ghall-fini tal-A.L. Nru. 48 tal-1986, it-Tribunal qed jiffissa d-dritt ta' (Lm40) erbghin liri maltin lil kull difensur.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-----------------------
**Maurice Petrocochino**
**Chairman**

---------------
**Emma Muscat**
**A/Segretarja**